MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Numru. 372/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**Joseph Zammit**

Il- Qorti,

Rat l- akkuzi migjuba kontra l- imsemmi Joseph Zammit, iben Michael u Catherina nee` Scerri, imwieled Qormi nhar is-6 ta’ Awissu, 1958 u residenti fil-fond numru 31, Triq l-Iljun, il-Furjana detentur tal- karta ta’ l- identita` bin-numru 543458M.

Akkuzat talli:

Nhar il-Hadd, 27 ta’ April, 2008, fil-Floriana ghall-habta ta’ 2:45pm bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ serq minn gewwa vettura Fiat Panda KAQ 365, ikkwalifikat bix-xorta tal-

haga misruqa u bil-valur li jiskorri l-€233 (LM100) ghad-dannu ta' Alexander John Borg, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(c)(g), 267, 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'l-imputat huma dawk ta' attentat ta' serq u li huwa recidiv.

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni certu Matthew Borg mar tieg fil-lukanda Pheonicia, pparkja l-vettura li kien qed isuq (Fiat Panda b'numru ta' registrazzjoni KAQ 365) f' *carpark* li hemm fil-vicinanzi ta'l-istess lukanda. Din il-vettura hija registrata f'isem missieru Alexander Borg.

Illi f'xi hin kmieni wara nofsinhar xi hadd ra persuna tagixxi b'mod suspettuz f'dak l-istess *carpark* ghalhekk sar rapport lill-pulizija li immedjatament marru fuq il-post. Waqt li l-pulizija kienu qed isuqu fit-triq ma' genb il-lukanda Pheonicia huma raw lil-imputat hdejn il-vettura in kwistjoni; sa kemm daru u dahlu fil-*carpark* in kwistjoni raw lill-imputat fil-vettura fuq imsemmija; huwa kien lahaq pogga fis-*seat* tan-naha tal-passiggier. Peress li huma

kienu jafuh lill-imputat ghajjtulu, dak il-hin kienu ghadhom fil-vettura taghhom. Malli l-imputat rahom hareg mill-vettura u telaq jigri. Il-pulizija pero immedjatament marru jigru warajh u qabduh ftit ‘l boghod f’l-istess *carpark*.

Illi l-pulizija ghamlu verifiki dwar sid il-vettura, cemplulu u wara ftit Matthew Borg mar fuq il-post, cioe fil-*carpark* biex jara x’gara. Irrizulta li hsara fil-vettura ma kienx hemm u lanqas sinjali ta’ sgass pero l-imputat spjega li l-vettura ghandha *soft-top* u huwa facli li tghollih u ddahal idejk minn taht il-*canvas*. L-stess Matthew Borg ikkonferma ukoll li l-bibien huwa kien sakkarhom kollha personalment wara li pparkja.

Illi fil-vettura dak il-hin huwa kellu xi oggetti inkluz *radio*, par zarbun u basket li komplessivament ghandhom valur li jeccedi 233 Euro. Minn dawn l-oggetti ma naqas xejn.

Illi l-imputat ghazel li jixhed. Hu jallega li fil-hin ta’l-incident kien miexi lejn id-dar qed jaqsam il-*carpark*. F’xi hin kien wieqaf hdejn il-vettura in kwsitjoni, u nnota li kienet miftuha, u f’daqqa wahda sab il-pulizija fuqu, telaq jigri pero meta qallulu li ser jisparawlu waqaf u arrestawh. Hu cahad li dahal fil-karozza.

Illi minkejja dan il-kunflitt bejn il-verzjoni mghotija miz-zewg pulizija min-naha u l-verzjoni mghotija mill-imputat min-naha l-ohra l-Qorti m’ghandha l-ebda ezitazzjoni li tistrih fuq il-verzjoni mghotija mill-pulizija. Il-Qorti fil-fatt hija sodisfatta li l-imputat dahal fil-vettura imsemmija u kien biss l-intervent tempestiv tal-pulizija li waqqaf lill-imputat milli jiehu xi oggetti appartenenti lil Matthew Borg.

Illi dwar l-addebietu tar-recidiva fil-konfront ta’ l-imputat ma giet prezentata l-ebda sentenza in sostenn ta’ din l-imputazzjoni.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti ma tistax ma tosservax li l-fedina penali ta’l-imputat hija wahda refrettarja u minkejja d-diversi opportunitajiet li nghata biex jirriforma ruhu jidher li l-imputat baqa jippersisiti fit-triq li qabad.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c)(g), 267, 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, issib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni u taghha tikkundannah prigunerija ghal-perjodu ta’ tmien xhur li minnhom ghandu jitnaqqas z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konessjoni ma’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------